MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 73

28 ta' Marzu 2017

Minuti tas-seduta Nru. 73 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 28 ta' Marzu 2017 fis-6.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ma kinitx trasmessa direttament bl-internet minħabba raġuni teknika.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tas-seduta Nru. 72, li saret fid-9 ta' Marzu 2017, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li l-minuti kif approvati għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Konferenza "*Small Markets at the Heart of the European Economy* " (P/10/25)

2.1.2. Saret referenza għal minuta 6.3. tas-seduta preċedenti u nqara imejl datat 14 ta' Marzu 2017, mibgħut minn 3Sixtymeetings, fejn wieġbu l-ilment li sar mill-Kunsill, b'rabta man-nuqqas ta' rappreżentant tal-istess aġenzija mal-wasla tad-delegati fil-lukanda mill-ajruport. L-aġenzija rribattiet li l-kuntratt relattiv ma kienx jistipula li rappreżentant tagħhom ikun preżenti.

2.1.3. Is-Segretarju kkonferma li fil-kuntratt relattiv ma kienx hemm provediment f'dan is-sens.

2.1.4. Is-Sindku kkummenta li għandu jittieħed nota ta' dan il-każ fir-rigward ta' sejħiet simili, kemm-il darba jkun meħtieġ is-servizz in kwistjoni.

2.1.5. Il-Kunsill approva il-pagament 028-03-17 inkluż fl-iskeda tal-pagamenti mressqa fis-seduta preċedenti.

**2.2.1. Finanzjament taħt il-Mizuri 4.3. u 4.4. tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (P/10/27)**

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf illi fir-rigward tal-applikazzjoni dwar ir-*resurfacing* ta' Triq l-Armier iż-Żgħir taħt il-Miżura 4.3, kienet daħlet id-dokumentazzjoni li ntalbet mill-*Agriculture and Rural Payments Agency* dwar in-numru ta' bdiewa u l-firxa ta' raba li jinħadem fil-madwar. Għadaqstant, jidher li l-applikazzjoni tista' tiġi sottomessa.

2.2.3. Is-Segretarju għarraf li r-rappreżentanta tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qalet li ser jiġi studjat jekk huwiex vijabbli li jsir main tal-ilma tul Triq l-Armier iż-Żgħir, li jaqbad ma' dak li sar fl-2011 fi Triq l-Armier. Intqal ukoll li l-istess korporazzjoni m'għandiex pjanijiet biex testendi s-servizz tad-drenaġġ sal-bajja tal-Armier iż-Żgħir. Ir-rappreżentant ta' Enemalta plc għarraf li l-korporazzjoni m'għandiex pjanijiet li jinvolvu t-triq in kwistjoni, filwaqt dak tal-GO plc kellu jara jekk hemmx ħtieġa li tiġi mtejba l-infrastruttura tagħhom.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1. Pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni (P/4/29)**

2.3.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.6.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fit-23 ta' Marzu 2017 saret laqgħa mal-Perit Frans Mallia, il-Perit Rita Vella u s-Sinjorina Kimberly Buttigieg għan-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni għall-finanzjament permezz tal-Fond tal-Ippjanar, amministrat mill-istess awtorità. Għall-imsemmija laqgħa attendew ukoll il-Perit J. Attard u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

2.3.3. Is-Sur J. Buttigieg qal li fil-laqgħa ġie spjegat li l-pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni ser jikkumplimenta xogħol simili li kien sar fil-Bitħa tas-Santwarju u f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, flimkien ma' dak li mistenni jitwettaq fuq iż-żuntier tal-knisja parrokkjali. Sar aċċenn li l-proġett huwa diġa kopert bil-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar. Il-Perit F. Mallia talab li apparti t-talba li diġa kien hemm min-naħa tal-Kunsill, issir oħra fuq il-formola preskritta, kif ukoll tista' issir sejħa għall-offerti wara li tinħareġ *committment letter* min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar.

2.3.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**2.4.1. PA 5351/16 – Żvilupp ta' sit bejn Misraħ il-Parroċċa u Triq il-Kappillan Magri (P/5/8/P)**

2.4.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.7.1. tas-seduta ta' qabel u staqsa dwar jekk inkisibx xi tagħrif dwar il-permess li nħareġ.

2.4.3. Is-Segretarju wieġeb li l-kundizzjoni 9.(H) tal-permess li nħareġ mill-MEPA tgħid li:

*"H. In the event of an accidental discovery in the course of approved works, any cultural heritage feature discovered should not be damaged or disturbed and the Superintendence is to be immediately informed of such discovery. Any cultural heritage features discovered are to be investigated, evaluated and protected in line with the Cultural Heritage Act 2002 (CAP 445). The discovery of cultural heritage features may require the amendment of approved plans.".*

2.4.4. Is-Sur C. Debono aċċenna wkoll għall-kundizzjoni 5 tal-permess li tobbliga lill-iżviluppatur:

*"5. To make up for the shortfall in parking provision of 18 parking spaces, this development permission is subject to a contribution amounting to the sum of €20964.42 in favour of Planning Authority's Urban Improvements Fund for the locality. The funds raised shall be used to fund traffic management, green transport, urban improvements or similar projects. The contribution shall not*

*be refundable and the funds shall be utilised as required and directed by Planning Authority.”.*

2.4.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.5.1. Sistema ta’ dwal ġodda fi Triq Ġorġ Borg Olivier (E/1/4/Vol II)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 10.3. tas-seduta preċedenti u qal li l-*harbour type lamps* li kellhom jitwaħħlu mal-ħitan fit-triq imsemmija kienu twaħħlu, iżda jonqos minn waħda sa tnejn oħra li jridu jsiru fuq l-arbli, fil-parti bejn Triq Sant’ Anna u Triq Sant’ Elena

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Pubblikazzjoni “Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien / Mellieħa *Through the Tides of Time*” (P/4/5/Vol III)**

2.6.2. Il-Kusilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 17.1. tas-seduta ta’ qabel u għarrfet li fis-16 ta’ Marzu 2017 saret laqgħa mal-Professur Anthony Aquilina mill-Università ta’ Malta dwar it-traduzzjoni ta’ sittax-il kapitolu ġdid. Hija spjegat li hemm iktar kapitoli ġodda, iżda hemm oħrajn li ser jiġu mgħoddija mill-awturi rispettivi bil-Malti u l-Ingliż mill-ewwel. Il-Profs. Aquilina huwa tal-fehma li dan ix-xogħol jista’ jiġi assenjat lill-persuni differenti u jitlesta sa tmiem l-2017. Għal din il-laqgħa attendew is-Sindku J. Buttigieg, il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, l-Editur J. Sammut u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

2.6.3. Il-Kunsill innota l-progress li sar.

## 2.7.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)

2.7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.4.1. tas-seduta ta’ qabel u għarrfet li l-ħarġa li kellha ssir għas-Salib tal-Għolja fil-limiti tas-Siġġiewi fis-16 ta’ Marzu 2017, kellha tiġi mħassra minħabba li s-saċerdot li jakkumpanja lill-grupp kellu mpenni oħra. Hija pproponiet li din issir fl-20 ta’ April 2017, fid-Dar tal-Providenza, fejn issir Quddiesa u wara żjara fiċ-Ċentru tal-Falkunerija fis-Siġġiewi stess.

2.7.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 2.8.1. Kawza Gouder vs Kunsill Lokali tal-Mellieha u Central Asphalt Ltd (T/4/13/Vol XII)

2.8.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 9.1. tas-seduta preċendenti u qal li l-kuntrattur, bil-għajnuna tas-*surveyor* kienu bdew jimmarkaw Triq Ġużè Flores, Triq Toni Pace u Triq Antonio Falzon sabiex isiru t-trinek meħtieġa. Dan twaqqaf hekk kif beda fl-20 ta’ Marzu 2016, peress li l-Kunsill u l-kuntrattur Central Asphalt Ltd ġew infurmati li l-konjuġi Gouder kienu ppreżentaw mandat ta’ inibizzjoni sabiex jitwaqqaf ix-xogħol fuq il-*culvert* kif ippjanat mill-perit arkitet maħtur mill-Qorti – M. L Caruana Galea. Is-smiegħ tiegħu ġie appuntat għall-10 ta’ April 2017. Is-Sur C. Debono qal ukoll li l-konsulent legali tal-Kunsill fuq dan il-każ intalab jifformola tweġiba sabiex tiġi ppreżentata lill-Qorti.

2.8.3. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar minn ser jagħmel tajjeb għall-ispejjeż jekk ikun hemm ħtieġa ta' studji addizzjonali, żieda fix-xogħol eċċ, ikkawżati mill-ostakoli li qiegħdin jagħmlu l-konjugi Gouder. Huwa għalhekk staqsa dwar jekk jistax jintalab *capping* fuq l-ispejjeż li jrid jerfa' il-Kunsill, kif ukoll x’salvagwardi tagħti l-liġi minn dawn it-tip ta' azzjonijiet kappriċċużi.

2.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li talab illi l-punt imqajjem fil-minuta 2.8.3. jinġieb għall-attenzjoni tal-konsulent legali.

## 3.0. Tqegħid ta’Karti

- *Purchase Request Form* – 23/03/17;
- Skeda ta’ Xiri permezz tal-*Petty Cash* – 26/01/17 – 10/03/17;

- Skeda ta' Pagamenti – 04/03/17 – 24/03/17;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet; u
- Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2016

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Tismija ta' toroq (T/4/1/Vol III)

4.1.2. Is-Segretarju għarraf li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali, permezz ta' imejl datat 15 ta' Marzu 2017 wassal stedina mill-Uffiċċju Elettorali sabiex ifakkru lill-Kunsilli Lokali dwar il-proċedura tal-għoti ta' numri tal-bibien u tat-tismija tat-toroq.

4.1.3. Is-Sur C. Debono ħa din l-opportunità biex jiġbed l-attenzjoni għal numru ta' toroq li għadhom bla isem uffiċjali, u għalhekk il-Kunsill għandu jirrakkomanda t-tismija tagħhom lill-kumitat konċernat fi ħdan l-Uffiċċju Elettorali.

4.1.4. Il-Kunsill qabel li t-toroq illi saret referenza għalihom mis-Segretarju jissemmew kif ġej:

| | **Lokazzjoni** | **Isem Propost (L-ewwel preferenza)** | **Isem Propost (It-tieni preferenza)** |
|---|---|---|---|
| 1 | It-triq ewlenija bejn ix-Xemxija u l-Mellieħa | It-Telgħa ta' Selmun | It-Telgħa tal-Migduma |
| 2 | Triq bejn Triq il-Fuħħar u Triq l-Istasija fil-Manikata | Triq l-Għelejjel | Triq id-Dugħ |
| 3 | Triq rurali bejn Triq l-Wilġa u Triq il-Mejjiesa | Triq Ħarruba | Triq id-Dielja |
| 4 | Triq rurali bejn Triq Għajn Tuffieħa u Triq il-Manikata | Triq il-Militar | Triq il-Kappella tal-Militar |
| 5 | Triq rurali bejn Triq Selmun u l-Irdum ta' Għajn Ħadid | Triq l-Irdum Ta' Għajn Ħadid | Triq it-Torri ta' Għajn Ħadid |
| 6 | Triq rurali bejn Triq Selmun u l-Fortizza ta' Campbell | Triq il-Fortizza Ta' Campbell | Triq Tal-Lembi |
| 7 | Triq rurali bejn l-irħajjel tal-Imbordin u Triq Lewis Wettinger | Triq il-Miżieb | Triq l-Imbordin |

### 4.2.1. Ħaddiema assenjati mid-District Operation Ltd (E/3/6)

4.2.2. Saret referenza għall-imejl datat 16 ta' Marzu 2017, fejn l-kumpanija msemmija qed titlob li jkun hemm sistema ta' reġistrazzjoni tal-ħinijiet permezz ta' *palm reader* elettroniku fl-uffiċċju tal-Kunsill. Fin-nuqqas ta' dan, il-kumpanija qed tisiġi li dawn il-ħaddiema jiġu rtirati.

4.2.3. Is-Segretarju qal li l-ħames persuni konċernati ġew mgħarrfa bl-insistenza fuq il-puntwalità li qed issir mill-kumpanija li timpjegahom, kif ukoll bil-konsegwenzi li jkun hemm kemm-il darba dan ma jiġix irreġistrat permezz ta' *palm reader*. Is-Sur C. Debono qal li s'issa ma kinitx qed issir insistenza li jinżamm il-ħin li fih jispiċċaw il-ħaddiema sakemm huma jwettqu x-xogħol mogħti lilhom b'mod sodisfaċenti u bla dewmien.

4.2.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li x-xogħol li jagħmlu dawn il-ħaddiema huwa mportanti ħafna u għalhekk għandhom jiġu addottati l-miżuri kollha sabiex is-servizzi tagħhom jiġu assikurati.

**4.3.1. Servizz tal-*Wi-Fi* pubbliku** **(I/1/3/Vol V)**

4.3.2. Saret referenza għal talba mill-Assoċjazzjoni tal-Caravans u Bungalow tal-Għadira fejn appellaw lill-Kunsill iressaq talba lill-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni sabiex tipprovdi servizz ta' wi-fi pubbliku qrib il-*caravan site*.

4.3.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-Awtorità msemmija sabiex tipprovdi s-servizz tal-wi-fi qrib il-Caravan Site tal-Għadira, kif ukoll fi Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata.

**4.4.1. Passaġġ għall-ilma tax-xita fil-Wied tal-Madonna** **(P/10/27)**

4.4.2. Saret referenza għal talba mis-Sur Bertu Vella sabiex jiġi mtawwal il-kanal għall-ilma tax-xita 'l isfel mill-Għajn tal-Mellieħa. Dan sabiex ir-raba ma jibqax jiġi mniġġeż bl-ilmijiet li jinżlu. Huwa appella biex dan isir mill-Kunsill b'finanzjament mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD). Dwar l-istess talba, saret rakkomandazzjoni minn Transport Malta, sabiex kemm-il darba l-Kunsill jaqbel mal-proposta, għandu jġibha għall-attenzjoni tal-Ministeru għat-Transport u l-Infrastruttura, billi attwalment qed jitħejja pjan għal xogħlijiet relatati ma' toroq rurali.

4.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li f'dan l-istadju m'għandux jidħol għal dan il-proġett billi għandu prijoritajiet oħra f'dak li jirrigwarda proġetti ko-finanzjati minn fondi Ewropej.

**4.5.1. Statwa ta' San Pawl fuq il-Gżejjer ta' San Pawl** **(R/2/Vol II)**

4.5.2. Inqara imejl datat 23 ta' Marzu 2017 mibgħut mill-Assoċjazzjoni Publiju ta' Malta fejn ipproponew li fl-okkażjoni tal-1950 anniversarju mill-martirju ta' San Pawl jorganizzaw pellegrinaġġ lejn il-gżejjer ta' San Pawl, bix-xbieha ta' San Publiju. L-assoċjazzjoni qed tipproponi wkoll li l-attività issir f'wieħed mill-Ħdud ta' Ġunju.

4.5.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bl-inklużjoni tal-kundizzjonijiet li normalment ikun hemm fil-permessi li jinvolvu l-Gżejjer ta' San Pawl.

**4.6.1. Tqegħid ta' *vending machines*** **(P/4/6/Vol VI)(X/1/4/Vol II)**

4.6.2. Saret referenza għal imejl datat 12 ta' Marzu 2017, mibgħut mis-Sur Adrian Burnell li jixtieq iqiegħed *vending machine* fejn il-latrina pubblika li hemm fit-telgħa tal-Aħrax, fejn stqarr li għandu l-permess tal-Cleansing Services Department biex jieħu l-elettriku minnha. Talab ukoll li jpoġġi oħra fil-Park tal-Familja.

4.6.3. Ittieħed in konsiderazzjoni li tqegħid ta' *vending machines* f'postijiet qrib il-kosta, u postijiet skedati jirrikjedu l-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar bil-proċedura ta' *Development Notification Order* skont il-*policies* u l-linji gwida addottati mill-Awtorità tal-Ippjanar.

4.6.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li mhemmx ħtieġa ta' aktar *vending machines* fil-Park tal-Familja.

**4.7.1. *Culvert* għall-ilma tax-xita fil-Qammieħ** **(T/4/7/Vol III)**

4.7.2. Saret referenza għal imejl datat 20 ta' Marzu 2017, mibgħut mill-*Operations Manager, Waste Disposal, Landscaping and Site Upkeep* tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Fl-istess imejl inġibdet l-attenzjoni għall-*culvert* li hemm matul it-triq li saret biswit l-Impjant għat-Tisfija tad-Drenaġġ fil-Qammieħ. Dan billi ma jeżisti ebda lqugħ għal min juża t-triq. Is-Segretarju għarraf li f'konversazzjoni li saret bit-telefon, l-istess uffiċjal talab sabiex il-Kunsill jipprovdi l-materjal bil-għan li x-xogħol meħtieġ isir mill-ħaddiema tal-korporazzjoni.

4.7.3. Ġie nnutat li din it-triq ma saritx mill-Kunsill, kif ukoll lanqas ma kien hemm dikjarazzjoni bilaterali minn Transport Malta u l-istess Kunsill biex il-manutenzjoni tagħha tgħaddi f'idejn tal-aħħar. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tinġibed l-attenzjoni ta' Transport Malta għal dan il-fattur.

**4.8.1. Attivitajiet f'Selmun** (**T/6/1/Vol IV)(S/6/Vol VI)**

4.8.2. Saret referenza għal żewġ imejls separati datati 27 ta' Marzu 2017, mibgħuta mis-Selmun Residents Association, fejn qed jappellaw għall-appoġġ tal-Kunsill sabiex isir tindif volontarju nhar is-Sibt 13 ta' Mejju 2017 fl-inħawi ta' Selmun. Apparti dan, l-assoċjazzjoni beħsiebha torganizza *re-enactments* militari, kif ukoll wirja statika ta' vetturi militari f'Selmun nhar il-Ħadd 23 ta' April 2017.

4.8.3. Il-Kunsill qabel li jipprovdi boroż eċċ u ġarr ta' skart li jinġabar fl-attività tat-13 ta' Mejju, filwaqt fir-rigward tal-attività tat-23 ta' April qabel li jappoġġjaha sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma jaqbisx €200.

## 5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 23 ta' Marzu 2017.

5.3. Il-Kunsillier P. Cutajar talab li jastjeni mid-diskussjoni f'dak li jirrigwarda *item* 32 minħabba nteress pekunjarju.

5.4. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-4 u l-24 ta' Marzu 2017.

6.3. Tressqet ukoll Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn is-26 ta' Jannar u l-10 ta' Marzu 2017.

6.4. Il-Kunsillier P. Cutajar talab li jastjeni mid-diskussjoni f'dak li jirrigwarda l-pagament Nru. 084-03-17 fl-Iskeda tal-Pagament, minħabba nteress pekunjarju.

6.5. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fiż-żewġ skedi. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

## 7.1. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill – Mejju / Lulju 2017

**(A/5/3/1Vol XVI)(A/5/3/5/Vol V)(P/10/25)**

7.2. Is-Segretarju fakkar li dan is-suġġett tpoġġa għad-diskussjoni billi d-dati li normalment jiġu riżervati għall-Jum il-Kunsill u l-Iljieli Melleħin ser jaħbtu mal-Konferenza "*Small Markets at the Heart of the European Economy*" li ser sseħħ f'Vecpielbalga fil-Latvja bejn is-26 u l-31 ta' Lulju 2017.

7.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li Jum il-Kunsill isir nhar il-Ġimgħa 14 ta' Lulju 2017, filwaqt li l-Iljieli Melleħin jsiru bejn l-20 u t-23 ta' Lulju, bl-ewwel ġurnata tkun *soft opening* fil-Manikata.

7.4. Is-Sindku ssuġġerixxa, li kemm jista' ikun, Jum il-Kunsill ma jiġix qabel, peress li hemm ċerti tħejjijiet x'jsiru, apparti li f'din edizzjoni huwa ppjanat li jiġi mniedi l-Innu tal-Mellieħa. Is-Sur J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni wkoll li min-naħa l-oħra wieħed għandu jara li ma jkunx daħal l-istaġun tal-festi, meta s-soċjetajiet mużikati u l-bandisti jkunu aktar impenjati.

7.5. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-Iljieli Melleħin għandhom jsiru kif propost fil-minuta 7.3. aktar 'l fuq, filwaqt li Jum il-Kunsill ikun nhar it-Tlieta 25 ta' Lulju 2017.

7.6. Il-Viċi Sindku ħa din l-opportunità biex jipproponi li l-ġbir li jkun hemm fl-Iljieli Melleħin jmur b'riżq il-fond Puttinu Cares.

7.7. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 7.6. aktar 'il fuq.

7.8. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna wkoll għall-Mellieħa International Music Festival 2017, li possibilment isir bejn l-1 u 4 ta' Ġunju 2017. Kompla jgħid li huwa ġie avviċinat mid-diriġenti ta' Pjazza Teatru Rjal, billi għandhom l-intenzjoni li jtellgħu tliet kunċerti permezz tal-Orkestra Nazzjonali fi tliet lokalitajiet differenti, fosthom fil-Mellieħa. Huwa ppropona li din l-attività tiġi ntegrata mal-festival imsemmi.

7.9. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment skont il-minuta 7.8.

7.10. Rigward il-Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ, tressqet proposta sabiex din issir nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju 2017 bis-sehem tat-tliet għaqdiet mużikali Melleħin u l-In Guardia.

7.11. Is-Sindku ppropona li fl-edizzjoni li jmiss ikun hemm aċċenn fuq l-aspett agrarju billi tittella' wirja ta' prodotti u jingħataw premjijiet għall-aħjar fosthom.

7.12. Il-Kunsill qabel li l-Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ tiġi organizzata fuq il-linji proposti fil-minuti 7.10 u 7.11 aktar 'il fuq.

## 8.1. Postijiet għaż-żamma ta' karrijiet użati għall-ġarr ta' opri tal-baħar (X/1/5)

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Pulizija għarrfu lis-sidien sabiex ineħħu l-karrijiet depożitati fil-parkeġġi li hemm bejn il-Mellieħa Bay Hotel u l-Costa-del-Sol Lido fl-Għadira.

8.3. Is-Sindku fakkar li dan il-post kien ġie ndikat mill-Kunsill sabiex ma jkunx hemm ingombru tal-Moll tat-Tunnara.

8.4. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi mistħarġa l-possibiltà li tintuża l-Barriera tal-Armier.

## 9.1. Sejħa għall-Offerti MLC 3/2017 – Titjib fit-taraġ u passaġġ li jgħaqqad Triq il-Marfa ma' Triq Dun Franġisk Sciberras (R/2/3/Vol II)

9.2. Is-Segretarju stqarr li s-sejħa msemmija għalqet fis-27 ta' Marzu 2017, iżda għat-tieni darba ma kien hemm ebda rispons għaliha.

9.4. Il-Kunsill qabel li għandu jitħalla aktar żmien qabel issir sejħa oħra.

## 10.1. Rendikont Finanzjarju – Ottubru/Diċembru 2016 (F/1/1/Vol II)

10.2. Is-Segretarju aċċenna għar-rapport li tqassam qabel is-seduta. Huwa spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn Ottubru u Diċembru 2016 kien iktar mill-estimi b'€15,332. Minn naħa l-oħra l-infieq kien inqas mill-estimi b'€113,824. Kompla jgħid li meta jittieħed id-dħul kontra l-infieq, kif ukoll il-fondi diġa kommessi fl-istess perjodu, kien jifdal bilanċ negattiv ta' €116,099. Meta jitqabblu l-istess fatturi fuq sena sħiħa, jirriżulta bilanċ negattiv ta' €143,620.

10.3. Is-Segretarju fakkar li matul l-2016 inqatgħu l-ispejjeż kollha tar-*resurfacing* ta' Triq Ramlet il-Qortin, Triq il-Klamari, Triq il-Kaħli, Triq it-Tunnaġġ, Triq il-Kaħli. Dan flimkien mal-pagamenti dovuti fuq il-ftehim tal-*private public partnership* dwar Triq l-Armier. Fl-istess sena inqatgħu l-ispejjeż marbuta mal-iskema ta' dwal ġodda fin-naħa t'isfel ta' Santa Marija Estate u l-proġett ta' lampi ornamentali fi Triq il-Parroċċa.

10.4. Fl-Attivitajiet Kulturali irriżultat diskrepanza sinifikanti bejn l-estimi u n-nefqa attwali ta' €26,668 fuq sena sħiħa. Parti minnha għamel tajjeb għaliha d-dħul li saret referenza għalih fin-nota 8 tar-rapport, fejn irriżulta dħul iktar mill-estimi ta' €16,092.

10.5. Wara aktar diskussjoni, ir-rendikont finanzjarju ġie approvat u għalhekk is-Segretarju ntalab sabiex jippubblikah fis-sit elettroniku tal-Kunsill https://secure2.gov.mt/lc-cms/mediacenter/PDFs/1_QFNRP416.pdf .

## 11.1. Restawr tal-Kmamar tas-Santwarju (R/2/Vol II)

11.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 13.1. tas-seduta Nru. 71 li saret fis-16 ta' Frar 2017. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna għal laqgħa li sarat mal-Perit Frans Mallia mill-Awtorità tal-Ippjanar fit-23 ta' Marzu 2017. Huwa qal li l-Awtorità tidher li għandha problemi biex tipproċessa l-applikazzjoni li saret mill-Uffiċċju Parrokkjali sabiex il-proġett imsemmi jiġi ffinanzjat mill-Fond tal-Ippjanar, peress li għad hemm kwistjonijiet mhux riżolti dwar l-iskedar ta' bini storiku proprjetà tal-Knisja.

11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti fil-minuta 13.3.

**12.1. Pavimentar taz-zuntier f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa (P/4/3/Vol IV)**

12.2. Is-Sindku għarraf li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura ssottometta l-applikazzjoni (PA 1631/17) lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex ikun jista' isir it-titjib imsemmi.

12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**13.1. Tindif ta' toroq mhux urbani (T/4/6/Vol IV)**

13.2. Is-Sindku għarraf li fit-30 ta' Marzu 2017 saret laqgħa li attendew għaliha l-kuntrattur responsabbli mis-servizz imsemmi – is-Sur A. Fenech – il-*Contracts Manager* il-Perit D. Cordina u s-Segretarju Eżekuttiv is-Sur C. Debono. Fl-istess laqgħa ġie diskuss ix-xogħol li kellu jsir matul ix-xahar ta' Marzu fl-inħawi tal-Manikata u Għajn Tuffieħa, kif ukoll il-pjan tax-xogħol għax-xahar ta' April. Ta' l-aħħar ser ikun jinkludi l-inħawi ta' Selmun u l-Imġiebaħ u tal-Lembi.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**14.1. *Offroading* f'Selmun (D/2/1)**

14.2. Is-Sindku aċċenna li qed jaslulu lmenti dwar sewqan ta' vetturi *offroad* fl-inħawi Tal-Blata u Selmun. Is-Sur J. Buttigieg stqarr li dawn it-tip ta' abbużi jidher li żdiedu u jeħtieġ isir aktar infurzar tal-liġi.

14.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom isiru rappreżentazzjonijiet mal-Kummissarju tal-Pulizija.

**15.1. Premju Frans Sammut (N/1/Vol II)**

15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-imejl datat 27 ta' Marzu 2017, fejn il-Kunsill ġie mħeġġeġ iressaq in-nomina tiegħu għall-Premju Frans Sammut, taħt Kategorija B. Hija spjegat li jeħtieġ tiġi ppreparata lista tal-attivitajiet li kien involut fihom il-Kunsill tul l-aħħar snin biex ixxerred l-użu tal-ilsien Malti fl-oqsma kollha tal-ħajja bħalma huma attivitajiet soċjokulturali; serati letterarji; ismijiet ta' toroq, ġonna, parki; sinjali u tabelli fit-toroq bil-Malti; il-fuljett jew rivista tal-Kunsill eċċ. Din jeħtieġ tinkludi dati, postijiet, ritratti, fuljetti, programmi ta' serati/attivitajiet, filmati u dak kollu li jista' jitqies bħala xhieda ta' dan. L-applikazzjonijiet jagħlqu fis-7 ta' April 2017. Issemma wkoll li ewwel premju huwa ta' €1,500, it-tieni €1,000 u t-tielet, €500.

15.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jieħu sehem.

**16.1. Konferenza "*Clean Coins*" (P/10/26)**

16.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuti tas-Seduta Nru. 72 tas-16 ta' Frar 2017 dwar stedina li saret mill-Comune di Casalborgone sabiex delegazzjoni mill-Mellieħa tieħu sehem fil-konferenza bit-tema *"Clean Coins – Fostering legality paths for a better future of Europe*". Huwa spjega li d-delegazzjoni mill-Mellieħa kienet ta' 14-il persuna. Apparti l-parteċipazzjoni fil-konferenza, ġiet imtellgħa preżentazzjoni dwar il-lokalità, kif ukoll oħra dwar il-gżejjer Maltin.

16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**17.1. Proġett *eMovie-Lab* (P/10/1/Vol IV)**

17.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 56 tal-24 ta' Mejju 2016 dwar kuntatti li saru mal-Comune di Casalborgone, li permezz tagħhom il-Kunsill ġie mistieden sabiex jieħu sehem fil-proġett imsemmi hawn fuq. Huwa fakkar li dan hu ppjanat li jitwettaq bejn id-9 u 17 ta' Settembru 2017, iżda mhux ser ikun possibbli li l-Kunsill jieħu sehem fiħ minħabba li jaħbat mal-konferenza li ser ssir f'Cugir fir-Rumanija b'rabta mal-proġett "*Small Economies at the Heart of the European Economy*"

17.3. Il-Kunsill iddeċieda li dan is-suġġett għandu jitpoġġa fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss.

**18.1. Jum il-Ktieb** **(A/5/3/Vol XII)**

18.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-avveniment imsemmi ser jiġi mfakkar fis-27 ta' April 2017 b'attività fil-librerija pubblika tal-Mellieħa, bejn it-9.30am u nofsinhar u ser jikkonsisti f'rakkont ta' stejjer bil-għan li t-tfal jitħajjru jaqraw. Hija pproponiet li t-tfal li jieħdu sehem jingħataw ktieb.

18.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

**19.1. PA 4811/15 – Żvilupp fi Triq Lewis Wettinger** **(P/5/1/Vol IV)**

19.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-iżvilupp li attwalment għaddej b'rabta mal-permess imsemmi hawn fuq. Huwa ġibed l-attenzjoni li qed isiru osservazzjonijiet li mhux qed jitħalla spazzju biżżejjed bejn il-bini u Triq Lewis Wettinger biex issir *service road* skont il-permess PA 4811/15.

19.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru l-verifiki meħtieġa

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 17 ta' April 2017 fis-7.00 pm.





John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 73

28 ta' Marzu 2017

Minuti tas-seduta Nru. 73 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 28 ta' Marzu 2017 fis-6.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ma kinitx trasmessa direttament bl-internet minħabba raġuni teknika.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tas-seduta Nru. 72, li saret fid-9 ta' Marzu 2017, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li l-minuti kif approvati għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Konferenza "*Small Markets at the Heart of the European Economy* " (P/10/25)

2.1.2. Saret referenza għal minuta 6.3. tas-seduta preċedenti u nqara imejl datat 14 ta' Marzu 2017, mibgħut minn 3Sixtymeetings, fejn wieġbu l-ilment li sar mill-Kunsill, b'rabta man-nuqqas ta' rappreżentant tal-istess aġenzija mal-wasla tad-delegati fil-lukanda mill-ajruport. L-aġenzija rribattiet li l-kuntratt relattiv ma kienx jistipula li rappreżentant tagħhom ikun preżenti.

2.1.3. Is-Segretarju kkonferma li fil-kuntratt relattiv ma kienx hemm provediment f'dan is-sens.

2.1.4. Is-Sindku kkummenta li għandu jittieħed nota ta' dan il-każ fir-rigward ta' sejħiet simili, kemm-il darba jkun meħtieġ is-servizz in kwistjoni.

2.1.5. Il-Kunsill approva il-pagament 028-03-17 inkluż fl-iskeda tal-pagamenti mressqa fis-seduta preċedenti.

**2.2.1. Finanzjament taħt il-Mizuri 4.3. u 4.4. tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (P/10/27)**

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf illi fir-rigward tal-applikazzjoni dwar ir-*resurfacing* ta' Triq l-Armier iż-Żgħir taħt il-Miżura 4.3, kienet daħlet id-dokumentazzjoni li ntalbet mill-*Agriculture and Rural Payments Agency* dwar in-numru ta' bdiewa u l-firxa ta' raba li jinħadem fil-madwar. Għadaqstant, jidher li l-applikazzjoni tista' tiġi sottomessa.

2.2.3. Is-Segretarju għarraf li r-rappreżentanta tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qalet li ser jiġi studjat jekk huwiex vijabbli li jsir main tal-ilma tul Triq l-Armier iż-Żgħir, li jaqbad ma' dak li sar fl-2011 fi Triq l-Armier. Intqal ukoll li l-istess korporazzjoni m'għandiex pjanijiet biex testendi s-servizz tad-drenaġġ sal-bajja tal-Armier iż-Żgħir. Ir-rappreżentant ta' Enemalta plc għarraf li l-korporazzjoni m'għandiex pjanijiet li jinvolvu t-triq in kwistjoni, filwaqt dak tal-GO plc kellu jara jekk hemmx ħtieġa li tiġi mtejba l-infrastruttura tagħhom.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1. Pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni (P/4/29)**

2.3.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.6.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fit-23 ta' Marzu 2017 saret laqgħa mal-Perit Frans Mallia, il-Perit Rita Vella u s-Sinjorina Kimberly Buttigieg għan-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni għall-finanzjament permezz tal-Fond tal-Ippjanar, amministrat mill-istess awtorità. Għall-imsemmija laqgħa attendew ukoll il-Perit J. Attard u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

2.3.3. Is-Sur J. Buttigieg qal li fil-laqgħa ġie spjegat li l-pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni ser jikkumplimenta xogħol simili li kien sar fil-Bitħa tas-Santwarju u f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, flimkien ma' dak li mistenni jitwettaq fuq iż-żuntier tal-knisja parrokkjali. Sar aċċenn li l-proġett huwa diġa kopert bil-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar. Il-Perit F. Mallia talab li apparti t-talba li diġa kien hemm min-naħa tal-Kunsill, issir oħra fuq il-formola preskritta, kif ukoll tista' issir sejħa għall-offerti wara li tinħareġ *committment letter* min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar.

2.3.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**2.4.1. PA 5351/16 – Żvilupp ta' sit bejn Misraħ il-Parroċċa u Triq il-Kappillan Magri (P/5/8/P)**

2.4.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.7.1. tas-seduta ta' qabel u staqsa dwar jekk inkisibx xi tagħrif dwar il-permess li nħareġ.

2.4.3. Is-Segretarju wieġeb li l-kundizzjoni 9.(H) tal-permess li nħareġ mill-MEPA tgħid li:

*"H. In the event of an accidental discovery in the course of approved works, any cultural heritage feature discovered should not be damaged or disturbed and the Superintendence is to be immediately informed of such discovery. Any cultural heritage features discovered are to be investigated, evaluated and protected in line with the Cultural Heritage Act 2002 (CAP 445). The discovery of cultural heritage features may require the amendment of approved plans.".*

2.4.4. Is-Sur C. Debono aċċenna wkoll għall-kundizzjoni 5 tal-permess li tobbliga lill-iżviluppatur:

*"5. To make up for the shortfall in parking provision of 18 parking spaces, this development permission is subject to a contribution amounting to the sum of €20964.42 in favour of Planning Authority's Urban Improvements Fund for the locality. The funds raised shall be used to fund traffic management, green transport, urban improvements or similar projects. The contribution shall not*

*be refundable and the funds shall be utilised as required and directed by Planning Authority.".*

2.4.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Sistema ta' dwal ġodda fi Triq Ġorġ Borg Olivier (E/1/4/Vol II)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 10.3. tas-seduta preċedenti u qal li l-*harbour type lamps* li kellhom jitwaħħlu mal-ħitan fit-triq imsemmija kienu twaħħlu, iżda jonqos minn waħda sa tnejn oħra li jridu jsiru fuq l-arbli, fil-parti bejn Triq Sant' Anna u Triq Sant' Elena

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Pubblikazzjoni "Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien / Mellieħa *Through the Tides of Time*" (P/4/5/Vol III)**

2.6.2. Il-Kusilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 17.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li fis-16 ta' Marzu 2017 saret laqgħa mal-Professur Anthony Aquilina mill-Università ta' Malta dwar it-traduzzjoni ta' sittax-il kapitolu ġdid. Hija spjegat li hemm iktar kapitoli ġodda, iżda hemm oħrajn li ser jiġu mgħoddija mill-awturi rispettivi bil-Malti u l-Ingliż mill-ewwel. Il-Profs. Aquilina huwa tal-fehma li dan ix-xogħol jista' jiġi assenjat lill-persuni differenti u jitlesta sa tmiem l-2017. Għal din il-laqgħa attendew is-Sindku J. Buttigieg, il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, l-Editur J. Sammut u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

2.6.3. Il-Kunsill innota l-progress li sar.

### 2.7.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)

2.7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.4.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li l-ħarġa li kellha ssir għas-Salib tal-Għolja fil-limiti tas-Siġġiewi fis-16 ta' Marzu 2017, kellha tiġi mħassra minħabba li s-saċerdot li jakkumpanja lill-grupp kellu mpennji oħra. Hija pproponiet li din issir fl-20 ta' April 2017, fid-Dar tal-Providenza, fejn issir Quddiesa u wara żjara fiċ-Ċentru tal-Falkunerija fis-Siġġiewi stess.

2.7.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 2.8.1. Kawza Gouder vs Kunsill Lokali tal-Mellieha u Central Asphalt Ltd (T/4/13/Vol XII)

2.8.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 9.1. tas-seduta preċendenti u qal li l-kuntrattur, bil-għajnuna tas-*surveyor* kienu bdew jimmarkaw Triq Ġużè Flores, Triq Toni Pace u Triq Antonio Falzon sabiex isiru t-trinek meħtieġa. Dan twaqqaf hekk kif beda fl-20 ta' Marzu 2016, peress li l-Kunsill u l-kuntrattur Central Asphalt Ltd ġew infurmati li l-konjuġi Gouder kienu ppreżentaw mandat ta' inibizzjoni sabiex jitwaqqaf ix-xogħol fuq il-*culvert* kif ippjanat mill-perit arkitet maħtur mill-Qorti – M. L Caruana Galea. Is-smiegħ tiegħu ġie appuntat għall-10 ta' April 2017. Is-Sur C. Debono qal ukoll li l-konsulent legali tal-Kunsill fuq dan il-każ intalab jifformola tweġiba sabiex tiġi ppreżentata lill-Qorti.

2.8.3. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar minn ser jagħmel tajjeb għall-ispejjeż jekk ikun hemm ħtieġa ta' studji addizzjonali, żieda fix-xogħol eċċ, ikkawżati mill-ostakoli li qiegħdin jagħmlu l-konjugi Gouder. Huwa għalhekk staqsa dwar jekk jistax jintalab *capping* fuq l-ispejjeż li jrid jerfa' il-Kunsill, kif ukoll x'salvagwardi tagħti l-liġi minn dawn it-tip ta' azzjonijiet kapriċċużi.

2.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li talab illi l-punt imqajjem fil-minuta 2.8.3. jinġieb għall-attenzjoni tal-konsulent legali.

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

- *Purchase Request Form* – 23/03/17;
- Skeda ta' Xiri permezz tal-*Petty Cash* – 26/01/17 – 10/03/17;

- Skeda ta' Pagamenti – 04/03/17 – 24/03/17;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet; u
- Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2016

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Tismija ta' toroq (T/4/1/Vol III)

4.1.2. Is-Segretarju għarraf li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali, permezz ta' imejl datat 15 ta' Marzu 2017 wassal stedina mill-Uffiċċju Elettorali sabiex ifakkru lill-Kunsilli Lokali dwar il-proċedura tal-għoti ta' numri tal-bibien u tat-tismija tat-toroq.

4.1.3. Is-Sur C. Debono ħa din l-opportunità biex jiġbed l-attenzjoni għal numru ta' toroq li għadhom bla isem uffiċjali, u għalhekk il-Kunsill għandu jirrakkomanda t-tismija tagħhom lill-kumitat konċernat fi ħdan l-Uffiċċju Elettorali.

4.1.4. Il-Kunsill qabel li t-toroq illi saret referenza għalihom mis-Segretarju jissemmew kif ġej:

| | **Lokazzjoni** | **Isem Propost (L-ewwel preferenza)** | **Isem Propost (It-tieni preferenza)** |
|---|---|---|---|
| 1 | It-triq ewlenija bejn ix-Xemxija u l-Mellieħa | It-Telgħa ta' Selmun | It-Telgħa tal-Migduma |
| 2 | Triq bejn Triq il-Fuħħar u Triq l-Istasija fil-Manikata | Triq l-Għelejjel | Triq id-Dugħ |
| 3 | Triq rurali bejn Triq l-Wilġa u Triq il-Mejjiesa | Triq Ħarruba | Triq id-Dielja |
| 4 | Triq rurali bejn Triq Għajn Tuffieħa u Triq il-Manikata | Triq il-Militar | Triq il-Kappella tal-Militar |
| 5 | Triq rurali bejn Triq Selmun u l-Irdum ta' Għajn Ħadid | Triq l-Irdum Ta' Għajn Ħadid | Triq it-Torri ta' Għajn Ħadid |
| 6 | Triq rurali bejn Triq Selmun u l-Fortizza ta' Campbell | Triq il-Fortizza Ta' Campbell | Triq Tal-Lembi |
| 7 | Triq rurali bejn l-irħajjel tal-Imbordin u Triq Lewis Wettinger | Triq il-Miżieb | Triq l-Imbordin |

### 4.2.1. Ħaddiema assenjati mid-District Operation Ltd (E/3/6)

4.2.2. Saret referenza għall-imejl datat 16 ta' Marzu 2017, fejn l-kumpanija msemmija qed titlob li jkun hemm sistema ta' reġistrazzjoni tal-ħinijiet permezz ta' *palm reader* elettroniku fl-uffiċċju tal-Kunsill. Fin-nuqqas ta' dan, il-kumpanija qed tisiġi li dawn il-ħaddiema jiġu rtirati.

4.2.3. Is-Segretarju qal li l-ħames persuni konċernati ġew mgħarrfa bl-insistenza fuq il-puntwalità li qed issir mill-kumpanija li timpjegahom, kif ukoll bil-konsegwenzi li jkun hemm kemm-il darba dan ma jiġix irreġistrat permezz ta' *palm reader*. Is-Sur C. Debono qal li s'issa ma kinitx qed issir insistenza li jinżamm il-ħin li fih jispiċċaw il-ħaddiema sakemm huma jwettqu x-xogħol mogħti lilhom b'mod sodisfaċenti u bla dewmien.

4.2.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li x-xogħol li jagħmlu dawn il-ħaddiema huwa mportanti ħafna u għalhekk għandhom jiġu addottati l-miżuri kollha sabiex is-servizzi tagħhom jiġu assikurati.

### 4.3.1. Servizz tal-*Wi-Fi* pubbliku (I/1/3/Vol V)

4.3.2. Saret referenza għal talba mill-Assoċjazzjoni tal-Caravans u Bungalow tal-Għadira fejn appellaw lill-Kunsill iressaq talba lill-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni sabiex tipprovdi servizz ta' wi-fi pubbliku qrib il-*caravan site*.

4.3.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-Awtorità msemmija sabiex tipprovdi s-servizz tal-wi-fi qrib il-Caravan Site tal-Għadira, kif ukoll fi Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata.

### 4.4.1. Passaġġ għall-ilma tax-xita fil-Wied tal-Madonna (P/10/27)

4.4.2. Saret referenza għal talba mis-Sur Bertu Vella sabiex jiġi mtawwal il-kanal għall-ilma tax-xita 'l isfel mill-Għajn tal-Mellieħa. Dan sabiex ir-raba ma jibqax jiġi mniġġeż bl-ilmijiet li jinżlu. Huwa appella biex dan isir mill-Kunsill b'finanzjament mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD). Dwar l-istess talba, saret rakkomandazzjoni minn Transport Malta, sabiex kemm-il darba l-Kunsill jaqbel mal-proposta, għandu jġibha għall-attenzjoni tal-Ministeru għat-Transport u l-Infrastruttura, billi attwalment qed jitħejja pjan għal xogħlijiet relatati ma' toroq rurali.

4.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li f'dan l-istadju m'għandux jidħol għal dan il-proġett billi għandu prijoritajiet oħra f'dak li jirrigwarda proġetti ko-finanzjati minn fondi Ewropej.

### 4.5.1. Statwa ta' San Pawl fuq il-Gżejjer ta' San Pawl (R/2/Vol II)

4.5.2. Inqara imejl datat 23 ta' Marzu 2017 mibgħut mill-Assoċjazzjoni Publiju ta' Malta fejn ipproponew li fl-okkażjoni tal-1950 anniversarju mill-martirju ta' San Pawl jorganizzaw pellegrinaġġ lejn il-gżejjer ta' San Pawl, bix-xbieha ta' San Publiju. L-assoċjazzjoni qed tipproponi wkoll li l-attività issir f'wieħed mill-Ħdud ta' Ġunju.

4.5.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bl-inklużjoni tal-kundizzjonijiet li normalment ikun hemm fil-permessi li jinvolvu l-Gżejjer ta' San Pawl.

### 4.6.1. Tqegħid ta' *vending machines* (P/4/6/Vol VI)(X/1/4/Vol II)

4.6.2. Saret referenza għal imejl datat 12 ta' Marzu 2017, mibgħut mis-Sur Adrian Burnell li jixtieq iqiegħed *vending machine* fejn il-latrina pubblika li hemm fit-telgħa tal-Aħrax, fejn stqarr li għandu l-permess tal-Cleansing Services Department biex jieħu l-elettriku minnha. Talab ukoll li jpoġġi oħra fil-Park tal-Familja.

4.6.3. Ittieħed in konsiderazzjoni li tqegħid ta' *vending machines* f'postijiet qrib il-kosta, u postijiet skedati jirrikjedu l-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar bil-proċedura ta' *Development Notification Order* skont il-*policies* u l-linji gwida addottati mill-Awtorità tal-Ippjanar.

4.6.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li mhemmx ħtieġa ta' aktar *vending machines* fil-Park tal-Familja.

### 4.7.1. *Culvert* għall-ilma tax-xita fil-Qammieħ (T/4/7/Vol III)

4.7.2. Saret referenza għal imejl datat 20 ta' Marzu 2017, mibgħut mill-*Operations Manager, Waste Disposal, Landscaping and Site Upkeep* tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Fl-istess imejl inġibdet l-attenzjoni għall-*culvert* li hemm matul it-triq li saret biswit l-Impjant għat-Tisfija tad-Drenaġġ fil-Qammieħ. Dan billi ma jeżisti ebda lqugħ għal min juża t-triq. Is-Segretarju għarraf li f'konversazzjoni li saret bit-telefon, l-istess uffiċjal talab sabiex il-Kunsill jipprovdi l-materjal bil-għan li x-xogħol meħtieġ isir mill-ħaddiema tal-korporazzjoni.

4.7.3. Ġie nnutat li din it-triq ma saritx mill-Kunsill, kif ukoll lanqas ma kien hemm dikjarazzjoni bilaterali minn Transport Malta u l-istess Kunsill biex il-manutenzjoni tagħha tgħaddi f'idejn tal-aħħar. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tinġibed l-attenzjoni ta' Transport Malta għal dan il-fattur.

**4.8.1. Attivitajiet f'Selmun** **(T/6/1/Vol IV)(S/6/Vol VI)**

4.8.2. Saret referenza għal żewġ imejls separati datati 27 ta' Marzu 2017, mibgħuta mis-Selmun Residents Association, fejn qed jappellaw għall-appoġġ tal-Kunsill sabiex isir tindif volontarju nhar is-Sibt 13 ta' Mejju 2017 fl-inħawi ta' Selmun. Apparti dan, l-assoċjazzjoni beħsiebha torganizza *re-enactments* militari, kif ukoll wirja statika ta' vetturi militari f'Selmun nhar il-Ħadd 23 ta' April 2017.

4.8.3. Il-Kunsill qabel li jipprovdi boroż eċċ u ġarr ta' skart li jinġabar fl-attività tat-13 ta' Mejju, filwaqt fir-rigward tal-attività tat-23 ta' April qabel li jappoġġjaha sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma jaqbisx €200.

## 5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 23 ta' Marzu 2017.

5.3. Il-Kunsillier P. Cutajar talab li jastjeni mid-diskussjoni f'dak li jirrigwarda *item* 32 minħabba nteress pekunjarju.

5.4. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-4 u l-24 ta' Marzu 2017.

6.3. Tressqet ukoll Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn is-26 ta' Jannar u l-10 ta' Marzu 2017.

6.4. Il-Kunsillier P. Cutajar talab li jastjeni mid-diskussjoni f'dak li jirrigwarda l-pagament Nru. 084-03-17 fl-Iskeda tal-Pagament, minħabba nteress pekunjarju.

6.5. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fiż-żewġ skedi. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

## 7.1. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill – Mejju / Lulju 2017

**(A/5/3/1Vol XVI)(A/5/3/5/Vol V)(P/10/25)**

7.2. Is-Segretarju fakkar li dan is-suġġett tpoġġa għad-diskussjoni billi d-dati li normalment jiġu riżervati għall-Jum il-Kunsill u l-Iljieli Melleħin ser jaħbtu mal-Konferenza "*Small Markets at the Heart of the European Economy*" li ser isseħħ f'Vecpielbalga fil-Latvja bejn is-26 u l-31 ta' Lulju 2017.

7.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li Jum il-Kunsill isir nhar il-Ġimgħa 14 ta' Lulju 2017, filwaqt li l-Iljieli Melleħin jsiru bejn l-20 u t-23 ta' Lulju, bl-ewwel ġurnata tkun *soft opening* fil-Manikata.

7.4. Is-Sindku ssuġġerixxa, li kemm jista' ikun, Jum il-Kunsill ma jiġix qabel, peress li hemm ċerti tħejjijiet x'jsiru, apparti li f'din edizzjoni huwa ppjanat li jiġi mniedi l-Innu tal-Mellieħa. Is-Sur J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni wkoll li min-naħa l-oħra wieħed għandu jara li ma jkunx daħal l-istaġun tal-festi, meta s-soċjetajiet mużikati u l-bandisti jkunu aktar impenjati.

7.5. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-Iljieli Melleħin għandhom jsiru kif propost fil-minuta 7.3. aktar 'l fuq, filwaqt li Jum il-Kunsill ikun nhar it-Tlieta 25 ta' Lulju 2017.

7.6. Il-Viċi Sindku ħa din l-opportunità biex jipproponi li l-ġbir li jkun hemm fl-Iljieli Melleħin jmur b'riżq il-fond Puttinu Cares.

7.7. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 7.6. aktar 'il fuq.

7.8. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna wkoll għall-Mellieħa International Music Festival 2017, li possibilment isir bejn l-1 u 4 ta' Ġunju 2017. Kompla jgħid li huwa ġie avviċinat mid-diriġenti ta' Pjazza Teatru Rjal, billi għandhom l-intenzjoni li jtellgħu tliet kunċerti permezz tal-Orkestra Nazzjonali fi tliet lokalitajiet differenti, fosthom fil-Mellieħa. Huwa ppropona li din l-attività tiġi ntegrata mal-festival imsemmi.

7.9. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment skont il-minuta 7.8.

7.10. Rigward il-Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ, tressqet proposta sabiex din issir nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju 2017 bis-sehem tat-tliet għaqdiet mużikali Melleħin u l-In Guardia.

7.11. Is-Sindku ppropona li fl-edizzjoni li jmiss ikun hemm aċċenn fuq l-aspett agrarju billi tittella' wirja ta' prodotti u jingħataw premjijiet għall-aħjar fosthom.

7.12. Il-Kunsill qabel li l-Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ tiġi organizzata fuq il-linji proposti fil-minuti 7.10 u 7.11 aktar 'il fuq.

### 8.1. Postijiet għaż-żamma ta' karrijiet użati għall-ġarr ta' opri tal-baħar (X/1/5)

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Puliżija għarrfu lis-sidien sabiex ineħħu l-karrijiet depożitati fil-parkeġġi li hemm bejn il-Mellieħa Bay Hotel u l-Costa-del-Sol Lido fl-Għadira.

8.3. Is-Sindku fakkar li dan il-post kien ġie ndikat mill-Kunsill sabiex ma jkunx hemm ingombru tal-Moll tat-Tunnara.

8.4. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi mistħarġa l-possibiltà li tintuża l-Barriera tal-Armier.

### 9.1. Sejħa għall-Offerti MLC 3/2017 – Titjib fit-taraġ u passaġġ li jgħaqqad Triq il-Marfa ma' Triq Dun Franġisk Sciberras (R/2/3/Vol II)

9.2. Is-Segretarju stqarr li s-sejħa msemmija għalqet fis-27 ta' Marzu 2017, iżda għat-tieni darba ma kien hemm ebda rispons għaliha.

9.4. Il-Kunsill qabel li għandu jitħalla aktar żmien qabel issir sejħa oħra.

### 10.1. Rendikont Finanzjarju – Ottubru/Diċembru 2016 (F/1/1/Vol II)

10.2. Is-Segretarju aċċenna għar-rapport li tqassam qabel is-seduta. Huwa spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn Ottubru u Diċembru 2016 kien iktar mill-estimi b'€15,332. Minn naħa l-oħra l-infieq kien inqas mill-estimi b'€113,824. Kompla jgħid li meta jittieħed id-dħul kontra l-infieq, kif ukoll il-fondi diġa kommessi fl-istess perjodu, kien jifdal bilanċ negattiv ta' €116,099. Meta jitqabblu l-istess fatturi fuq sena sħiħa, jirriżulta bilanċ negattiv ta' €143,620.

10.3. Is-Segretarju fakkar li matul l-2016 inqatgħu l-ispejjeż kollha tar-*resurfacing* ta' Triq Ramlet il-Qortin, Triq il-Klamari, Triq il-Kaħli, Triq it-Tunnaġġ, Triq il-Kaħli. Dan flimkien mal-pagamenti dovuti fuq il-ftehim tal-*private public partnership* dwar Triq l-Armier. Fl-istess sena inqatgħu l-ispejjeż marbuta mal-iskema ta' dwal ġodda fin-naħa t'isfel ta' Santa Marija Estate u l-proġett ta' lampi ornamentali fi Triq il-Parroċċa.

10.4. Fl-Attivitajiet Kulturali irriżultat diskrepanza sinifikanti bejn l-estimi u n-nefqa attwali ta' €26,668 fuq sena sħiħa. Parti minnha għamel tajjeb għaliha d-dħul li saret referenza għalih fin-nota 8 tar-rapport, fejn irriżulta dħul iktar mill-estimi ta' €16,092.

10.5. Wara aktar diskussjoni, ir-rendikont finanzjarju ġie approvat u għalhekk is-Segretarju ntalab sabiex jippubblikah fis-sit elettroniku tal-Kunsill https://secure2.gov.mt/lc-cms/mediacenter/PDFs/1_QFNRP416.pdf .

### 11.1. Restawr tal-Kmamar tas-Santwarju (R/2/Vol II)

11.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 13.1. tas-seduta Nru. 71 li saret fis-16 ta' Frar 2017. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna għal laqgħa li sarat mal-Perit Frans Mallia mill-Awtorità tal-Ippjanar fit-23 ta' Marzu 2017. Huwa qal li l-Awtorità tidher li għandha problemi biex tipproċessa l-applikazzjoni li saret mill-Uffiċċju Parrokkjali sabiex il-proġett imsemmi jiġi ffinanzjat mill-Fond tal-Ippjanar, peress li għad hemm kwistjonijiet mhux riżolti dwar l-iskedar ta' bini storiku proprjetà tal-Knisja.

11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti fil-minuta 13.3.

**12.1. Pavimentar taz-zuntier f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa (P/4/3/Vol IV)**

12.2. Is-Sindku għarraf li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura ssottometta l-applikazzjoni (PA 1631/17) lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex ikun jista' isir it-titjib imsemmi.

12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**13.1. Tindif ta' toroq mhux urbani (T/4/6/Vol IV)**

13.2. Is-Sindku għarraf li fit-30 ta' Marzu 2017 saret laqgħa li attendew għaliha l-kuntrattur responsabbli mis-servizz imsemmi – is-Sur A. Fenech – il-*Contracts Manager* il-Perit D. Cordina u s-Segretarju Eżekuttiv is-Sur C. Debono. Fl-istess laqgħa ġie diskuss ix-xogħol li kellu jsir matul ix-xahar ta' Marzu fl-inħawi tal-Manikata u Għajn Tuffieħa, kif ukoll il-pjan tax-xogħol għax-xahar ta' April. Ta' l-aħħar ser ikun jinkludi l-inħawi ta' Selmun u l-Imġiebaħ u tal-Lembi.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**14.1. *Offroading* f'Selmun (D/2/1)**

14.2. Is-Sindku aċċenna li qed jaslulu lmenti dwar sewqan ta' vetturi *offroad* fl-inħawi Tal-Blata u Selmun. Is-Sur J. Buttigieg stqarr li dawn it-tip ta' abbużi jidher li żdiedu u jeħtieġ isir aktar infurzar tal-liġi.

14.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom isiru rappreżentazzjonijiet mal-Kummissarju tal-Pulizija.

**15.1. Premju Frans Sammut (N/1/Vol II)**

15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-imejl datat 27 ta' Marzu 2017, fejn il-Kunsill ġie mħeġġeġ iressaq in-nomina tiegħu għall-Premju Frans Sammut, taħt Kategorija B. Hija spjegat li jeħtieġ tiġi ppreparata lista tal-attivitajiet li kien involut fihom il-Kunsill tul l-aħħar snin biex ixxerred l-użu tal-ilsien Malti fl-oqsma kollha tal-ħajja bħalma huma attivitajiet soċjokulturali; serati letterarji; ismijiet ta' toroq, ġonna, parki; sinjali u tabelli fit-toroq bil-Malti; il-fuljett jew rivista tal-Kunsill eċċ. Din jeħtieġ tinkludi dati, postijiet, ritratti, fuljetti, programmi ta' serati/attivitajiet, filmati u dak kollu li jista' jitqies bħala xhieda ta' dan. L-applikazzjonijiet jagħlqu fis-7 ta' April 2017. Issemma wkoll li ewwel premju huwa ta' €1,500, it-tieni €1,000 u t-tielet, €500.

15.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jieħu sehem.

**16.1. Konferenza "*Clean Coins*" (P/10/26)**

16.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuti tas-Seduta Nru. 72 tas-16 ta' Frar 2017 dwar stedina li saret mill-Comune di Casalborgone sabiex delegazzjoni mill-Mellieħa tieħu sehem fil-konferenza bit-tema *"Clean Coins – Fostering legality paths for a better future of Europe*". Huwa spjega li d-delegazzjoni mill-Mellieħa kienet ta' 14-il persuna. Apparti l-parteċipazzjoni fil-konferenza, ġiet imtellgħa preżentazzjoni dwar il-lokalità, kif ukoll oħra dwar il-gżejjer Maltin.

16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**17.1. Proġett *eMovie-Lab* (P/10/1/Vol IV)**

17.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 56 tal-24 ta' Mejju 2016 dwar kuntatti li saru mal-Comune di Casalborgone, li permezz tagħhom il-Kunsill ġie mistieden sabiex jieħu sehem fil-proġett imsemmi hawn fuq. Huwa fakkar li dan hu ppjanat li jitwettaq bejn id-9 u 17 ta' Settembru 2017, iżda mhux ser ikun possibbli li l-Kunsill jieħu sehem fih minħabba li jaħbat mal-konferenza li ser ssir f'Cugir fir-Rumanija b'rabta mal-proġett "*Small Economies at the Heart of the European Economy*"

17.3. Il-Kunsill iddeċieda li dan is-suġġett għandu jitpoġġa fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss.

### 18.1. Jum il-Ktieb (A/5/3/Vol XII)

18.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-avveniment imsemmi ser jiġi mfakkar fis-27 ta' April 2017 b'attività fil-librerija pubblika tal-Mellieħa, bejn it-9.30am u nofsinhar u ser jikkonsisti f'rakkont ta' stejjer bil-għan li t-tfal jitħajjru jaqraw. Hija pproponiet li t-tfal li jieħdu sehem jingħataw ktieb.

18.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

### 19.1. PA 4811/15 – Żvilupp fi Triq Lewis Wettinger (P/5/1/Vol IV)

19.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-iżvilupp li attwalment għaddej b'rabta mal-permess imsemmi hawn fuq. Huwa ġibed l-attenzjoni li qed isiru osservazzjonijiet li mhux qed jitħalla spazzju biżżejjed bejn il-bini u Triq Lewis Wettinger biex issir *service road* skont il-permess PA 4811/15.

19.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru l-verifiki meħtieġa

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 17 ta' April 2017 fis-7.00 pm.





John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**